A.L. 4 tal-2011

ATT DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR TA' L-IŻVILUPP (KAP. 504)

ATT DWAR L-AWTORITÀ TA' MALTA DWAR IR-RIŻORSI (KAP. 423)

Regolamenti tal-2011 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Skema Kummerċjali għall-avjazzjoni tal-Komunità Ewropea dwar l-Emissjonijiet ta' Gassijiet Serra

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 61 tal-Att dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp, u bl-artikolu 28 tal-Att dwar l-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi, il-Prim Ministru u l-Ministru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali, wara konsultazzjoni mal-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi, għamlu dawn ir-regolamenti li ġejjin:

Titolu.

A.L. 445 tal-2010.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti tal-2011 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Skema Kummerċjali għall-avjazzjoni tal-Komunità Ewropea dwar l-Emissjonijiet ta' Gassijiet Serra hawn aktar 'il quddiem msejħa bħala "ir-regolamenti prinċipali".

Jemenda r-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali.

2. Ir-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:-

(a) fil-paragrafu (a) tas-subregolament (2) tiegħu, minflok il-kliem "sal-31 ta' Diċembru, 2013" għandhom jidħlu l-kliem "sal-31 ta' Diċembru, 2012"; u

(b) fil-paragrafu (a) tas-subregolament (5) tiegħu, minflok il-kliem "sal-31 ta' Diċembru, 2013" għandhom jidħlu l-kliem "sal-31 ta' Diċembru, 2012";

Jemenda r-regolament 10 tar-regolamenti prinċipali.

3. Minflok is-subregolament (6) tar-regolament 10 tar-regolamenti prinċipali, jidħol dan li ġej :

"(6) Kull operatur tal-ingenji tal-ajru għandu:

(a) mis-sena ta' monitoraġġ tal-2010 fil-każ ta' operatur tal-ingenji tal-ajru li dwaru Malta tkun identifikata bħala Stat Membru amministrattiv qabel il-bidu tas-sena tar-rappurtaġġ tal-2010; jew

(b) mill-ewwel sena ta' rappurtaġġ li tkun tapplika għalih fil-każ ta' operatur tal-ingenji tal-ajru li dwaru Malta tkun identifikata bħala Stat Membru amministrattiv wara l-bidu tas-sena tar-rappurtaġġ tal-2010, jissorvelja emissjonijiet minn inġenji tal-ajru li huwa jkun qiegħed jopera u li jkunu jwettqu attivitajiet ta' avjazzjoni elenkati fi Skeda 1 li tinsab ma' dawn ir-regolamenti, matul kull sena kalendarja u jirrapporta emissjonijiet skond il-pjan ta' monitoraġġ u rappurtaġġ li jkun ġie approvat. Għandu jiġi preżentat lill-Awtorita rapport fuq emissjonijiet għal kull sena kalendarjamhux aktar tard mill-31 ta' Marzu tas-sena li tkun taħbat minnufih wara.".